MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1378/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**David Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **David Cuschieri,** iben Alfred u Josephine neé Agius, imwieled nhar it-3 ta' Awwissu 1977, Pietà, residenti 30, Dachrima, Triq Andrea Bogdan, Zebbug, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 390177(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' April 2011 bejn l-erbgha u s-sebgha u ghaxra ta' filghodu (04:00am-07:10am) fi Sqaq Lourdes, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioé vettura tal-ghamla Seat b'numru ta' registrazzjoni AAR 359 ghad-dannu ta' Maria Dolores Formosa, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) izda tiskorri l-mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Dolores Formosa jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "TM 4" – *a fol.* 18).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 6).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 46 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Trevor Micallef** (*a fol.* 7 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' rapport li ghamlet il-parti leza Maria Dolores Formosa fis-17 ta' April 2011. Jghid li l-parti leza kellha suspett li l-hsarat li gew kagunati fuq il-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni AAR 359 gew kagunati mill-*boyfriend* taghha, li huwa l-imputat. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "TM 1" sa "TM 4" (*a fol.* 9 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> l-iSpettur ikkonferma li l-involviment tieghu beda meta l-parti leza qaltlu bis-suspett li kellha fl-imputat. Jghid li s-Surgent kien ra xi filmat fejn jidher l-imputat ikellem lil *security* pero jghid li l-imputat ma jidhirx vicin il-vettura in kwistjoni. Jghid ukoll li l-imputat beda jhallas il-hsarat li garrbet il-parti leza.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013, xehed ukoll **PS 1187 Omar Zammit** (*a fol.* 19 *et seq.*) rigward ir-rapport li ghamlet il-parti leza fis-17 ta' April 2011. Ikkonferma l-kontenut tal-okkorrenza li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "TM 3" (*a fol.* 14 *et seq.*). Jghid li ra l-filmat ta fejn il-parti leza kienet qaltlu li kellha l-vettura pparkjata u li apparti li ma setghax jara l-vettura sew, jghid li fil-hinijiet li l-parti leza qaltlu li kien sar l-incident ra lill-imputat jitkellem ma' *security*. Jghid li l-parti leza ssuspettat fl-imputat li kien ghamlilha l-hsara fil-vettura u dan peress li dakinhar stess l-imputat u hi kellhom xi argument bejniethom Paceville u li l-imputat qabad u telaq minn hdejha. Jghid li l-parti leza qaltlu li rceviet *voice message* b'hafna kliem ta' tghajjir. Jghid li kien baghat ghall-imputat li kien cahad li kien hu li kien ghamel xi hsara fil-vettura in kwistjoni. Jghid: *"kien qalli li ftiehem maghha biex ihallasha ghal ispejjez tal-karrozza li ghandha biex ovvjament jissetiljaw l-affarijiet bejniethom. Hu qalli li ha jaghmel hekk ghax ghalkemm ma kienx hu li ghamel l-affarijiet pero biex jissetilja l-affarijiet maghha hu lest li jhallasha"* (*a fol.* 20). Jghid li wara xi zmien il-parti leza kienet qaltlu li l-imputat kien hallasha xi ftit pero imbaghad waqaf.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li meta ra l-filmat ma rax il-vettura in kwistjoni u jghid li ra li hemm access ghall-pubbliku ghal parkegg fejn kienet il-vettura. Jghid li tkellem ma' Ronald Caruana (is-*security* li l-imputat kellem) u li Caruana qallu li ra lill-imputat ecitat u li fl-ebda hin ma rah jaghmel xi hsara fuq vettura.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehdet **Maria Dolores Formosa** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn qalet li fis-17 ta' April 2011 ghal habta tat-3.00am-4.00am kienet Paceville flimkien mal-habib taghha l-imputat u kellhom argument u l-imputat qabad u telaq. Tghid li l-imputat beda jibghatilha xi messaggi mhux sbieh u hallilha *voice message*. Tghid li meta marret ghall-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni AAR 359, li kienet ipparkjata f'Paceville, sabet xi hsarat fuqha. Tghid li meta marret Paceville, l-imputat kien maghha fil-vettura u li hu kien prezenti maghha meta pparkjat il-vettura. Tghid li ssuspettat li kien l-imputat li kien ghamlilha l-hsara u mistoqsija ghala, tghid: *"Ifhimni ghax inqala' l-argument, jien ghandi l-messaggi, anka wara jigifieri huwa ammetta li kien hu fuq il-messaggi tieghi"* (*a fol.* 27). Tghid li l-hsarat jammontaw ghal €795.00. Ezebiet dokument tat-tellar li gie mmarkat bhala Dok. "MF 1" (*a fol.* 30). Tghid li din ghamiltha ghand Leli's Garage, 16, *new street off* Carini Street, Santa Venera. Tghid li wara l-incident kienet ghamlet kuntatt mal-imputat u li hu kien skuza ruhu maghha u beda jhallasha tal-hsara u wara xi zmien ma baqax ikellimha. Tghid li l-imputat kien lehaq hallasha s-somma ta' €310.00 u li kien ghad fadallu jhallasha madwar €400.00.

Id-depozizzjoni ta' **Maria Dolores Formosa** tkompliet fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 32) fejn ipprezentat dokument kontenti l-messaggi li rceviet fuq il-*mobile* taghha mill-imputat. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. "MF 2" (*a fol.* 34 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014, xehed **Roderick Caruana** (*a fol.* 37 *et seq.*) li qal li f'April 2011 kien jahdem bhala *security* gewwa Bay Street. Mistoqsi jghid jekk kienx ra xi incident li sehh fis-17 ta' April 2011, jghid li ghadda wisq zmien. Jghid li dakinhar kien ra lill-imputat pero ma rahx involut fl-ebda incident.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014, xehed l-imputat **David Cuschieri** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn beda billi qal li l-parti leza u hu

kellhom relazzjoni. Jghid li dakinhar tal-akkadut il-parti leza u hu marru Paceville u li hu kien riekeb maghha fil-vettura taghha. Jghid li l-vettura giet ipparkjata f'post fejn hemm xi *cameras*. Jghid li waqt li kienu Paceville kellhom argument u hu mar fuq ifittex lill-ohtu, u wara rega' mar hdejn il-parti leza u rega' telaq. Jghid li beda jibghat xi messaggi lill-parti leza u beda jistennieha biex imorru u ma rceviex risposta u qabad u telaq bil-pass, mexa sal-pompa tal-*petrol* tal-Kappara u mbaghad ha *lift*. Jghid li hu ma mess l-ebda vettura. Jghid li filghodu l-parti leza marret ghandu u bdiet tghidlu li hu kien kisrilha l-vettura u hu cahad dan. Mistoqsi jghid jekk bejnu u l-parti leza ghaddewx xi flus, wiegeb: *"Bejni u bejn is-Sinjura kellha hames mitt Euro, is-sinjura Maria Dolores kienet tahdem mieghi dak iz-zmien, kienet taghmel xoghol ta' driver part-time u l-flus li ghandha huma l-flus li tawha l-klijenti li suppost hallset lili. Qatt ma tajtha flus hekk jiena, dak zammithom hi"* (*a fol.* 41 *et seq.*). Jghid li dawn kienu madwar €480-€500. Jghid li l-parti leza lill-hbieb tieghu kienet tghidilhom li hu kellu jaghtiha u li kien kissrilha l-vettura u biex ma toqghodx taghmillu dawk li huwa sejjah bhala *"kummiedji"* (*a fol.* 42) ghax jiddejjaq, qalilha li kien ser ihallasha.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kien daqxejn fis-sakra dakinhar tal-akkadut pero jispecifika li ma kienx fis-sakra fis-sens li ma jarax art. Rinfaccjat bil-fatt li fl-istqarrija (Dok. "TM 2" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, fejn l-imputat qal li ma kienx jaf jekk kienx hu li ghamel il-hsarat in kwistjoni, jghid: *"dakinhar li kellimt lili kont imfixkel, inqbadt fuq sieq wahda"* (*a fol.* 42). Jghid: *"jiena rrangajt biex ma toqghodx tigini wara l-bieb tiggieled mieghi u tavvelini mal-hbieb tieghi li ghamiltilha dik il-hsara"* (*a fol.* 42).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "TM 2" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lil-Ufficjal Prosekutur, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat ta' spjegazzjoni fuq l-istess linji li huwa xehed meta ta d-depozzizjoni tieghu quddiem il-Qorti. L-imputat qal li ma jiftakarx jekk kienx hu li ghamel il-hsara fil-vettura tal-parti leza. Mistoqsi jghid jekk f'xi hin kienx resaq lejn il-vettura tal-parti leza, iwiegeb: *"Dakinhar kont fis-sakra, jista' jkun li ersaqt lejha, certu*

*affarijiet ma ftakarthomx"* (*a fol.* 12). Ikkonferma li l-parti leza u hu ghamlu ftehim biex hu jibda jhallas ghall-hsarat kagunati fil-vettura tal-parti leza. Jghid li lehaq hallas madwar €500 u li kien fadallu jhallas madwar €400.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li dakinhar tal-akkadut il-parti leza u l-imputat kienu hargu flimkien u marru Paceville bil-vettura tal-parti leza. Filwaqt li l-parti leza tghid li l-imputat u hija kienu biss hbieb (*a fol.* 27*)*, l-imputat jghid li huma kellhom relazzjoni ta' madwar sena u nofs (*a fol.* 40). Jirrizulta li l-imputat u l-parti leza kellhom argument bejniethom bil-konsegwenza ta' liema l-imputat qabad u telaq l-hemm u bil-parti leza ssib xi hsarat fuq il-vettura taghha meta marret ghall-vettura. L-ewwel suspett tal-parti leza kien fl-imputat. Da parte tieghu, l-imputat jichad. Huwa jghid li wara li telaq minn hdejn il-parti leza, baqa' jistennieha u meta ma rceviex risposta minn ghandha, qabad u telaq bil-pass u mbaghad ha *lift*. Jghid li hu ma mess l-ebda vettura.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li volonarjament ghamel hsarat fuq il-vettura tal-parti leza. Il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Wara li l-parti leza u l-imputat kellhom xi jghidu, l-imputat ma lura fejn il-vettura tal-parti leza. PS 1187 Omar Zammit (*a fol.* 19 *et seq.*) jikkonferma li ra filmat li fih jidher l-imputat jitkellem ma' *security.*

- Il-parti leza Maria Dolores Formosa (*a fol.* 26 *et seq.*) tghid li wara l-argument li kellhom l-imputat u hi, l-imputat baghtilha numru ta messaggi mhux sbieh u kif ukoll *voice message.*

- Maria Dolores Formosa tghid ukoll li l-imputat kien skuza ruhu maghha u li kien lehaq hallasha s-somma ta' €310.00 u li kien ghad fadallu jhallasha madwar €400.00.

- Il-messaggi li Maria Dolores Formosa (*a fol.* 32) tghid li rceviet minn ghand l-imputat, kopja ta' liema gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "MF 2" (*a fol.* 34 *et seq.*), huma messaggi ta' bniedem irrabjat b'mod specjali dak li jghid hekk: *"[x'hin] rajtek manqa mijaw dominju sirt"* (*a fol.* 34).

- Meta xehed quddiem il-Qorti l-imputat jghid (*a fol.* 40 *et seq.*) li hu qatt ma ta flus lill-parti leza ghall-hsarat fil-vettura taghha pero l-parti leza kienet zammet ghandha xi flus li suppost kellha tghaddiehom lilu. L-imputat jikkonferma li lill-parti leza kien qalilha li kien ser ihallasha biex ma toqghodx tghid lill-hbieb tieghu li kellu jaghtiha u li kien kisrilha l-vettura!

Illi, minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li mhijiex konvinta minn dak li jghid l-imputat, u dana b'mod specjali meta jghid x'kienet ir-raguni ghala ddecieda li jhallas lill-parti leza ghall-hsarat li gew kagunati fil-vettura taghha, li huwa jichad li ghamel. Dan il-konvinciment tal-Qorti f'dak li ghadu kemm inghad ikompli jassoda ruhu minhabba s-segwenti:

- Rinfaccjat bil-fatt li fl-istqarrija (Dok. "TM 2" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, fejn l-imputat qal li ma kienx jaf jekk kienx hu li ghamel il-hsarat in kwistjoni, jghid: *"dakinhar li kellimt lili kont imfixkel, inqbadt fuq sieq wahda"* (*a fol.* 42).

- Fl-istqarrija (Dok. "TM 2" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, f'liema stqarrija l-imputat jghid li ma jafx jekk kienu hu li ghamel il-hsarat fil-vettura tal-parti leza, l-imputat jghid li dakinhar kien fis-sakra u li jista' jaghti l-kaz li resaq lejn il-vettura tal-parti leza u jghid ukoll: *"certu affarijiet ma ftakarthomx"* (*a fol.* 12). Jghid ukoll: *"Jien kont rajtha ma' haddiehor, kont bdejt nixrob u ma nafx x'gara. Jien kont domt nistenniha fejn il-karrozza u ma gietx u kont imxejtha sad-dar ukoll. Hadem hazin dak il-hin mohhi"* (*a fol.* 13).

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li effettivament kien l-imputat li kkawza l-hsarat fil-vettura tal-parti leza, liema hsara saret volontarjament.

Illi, fir-rigward tal-ammont tal-hsarat kagunati fil-vettura in kwistjoni, il-Qorti tinnota li filwaqt li l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Trevor Micallef ipprezenta dokument dwar il-*parts* (*a fol.* 9) fl-ammont ta' €477.44 u dokument dwar l-i*spray/labour* (*a fol.* 10) fl-ammont ta' €350.00, il-parti leza ezebiet dokument iehor dwar l-i*spray/labour* (*a fol.* 30) fl-ammont ta' €585.00. Filwaqt li l-Qorti tinnota li l-ebda wiehed minn dawn id-dokumenti ma gie konfermat bil-gurament minn min irilaxxah, mill-provi mismugha l-Qorti setghet tikkonstata li l-hsarat kagunati fuq il-vettura tal-parti leza kienu jeccedu l-€116.47. Da parte taghhom, il-parti leza u l-imputat jaqblu li l-imputat kien ghad fadallu jhallas lill-parti leza s-somma ta' madwar €400.00.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni li giet addebitata fil-konfront tal-imputat, il-fatt li l-imputat diga ghamel xi hlasijiet ghall-hsarat kagunati minnu u kif ukoll il-fatt li ma jirrizultax x'fedina penali ghandu l-imputat, *stante* li din baqghet ma gietx ezebita f'dawn il-proceduri. Tenut kont ta' dak li nghad aktar il-fuq rigward il-bilanc tal-hlasijiet li ghad fadallu jhallas l-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni li ghad fadal x'jithallsu favur il-parti leza fl-ammont ta' erba' mitt Euro (€ 400) u l-Qorti ser taghzel li timponi piena li tikkomprendi ordni ta' hlas.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat David Cuschieri hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed

tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum u tordna li sa zmien xahar millum l-imputat ihallas is-somma ta′ erba′ mitt Euro (€ 400.00) lil Maria Dolores Formosa.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta′ liberta′ kundizzjonata u jekk ma jhallasx is-somma ta′ erba′ mitt Euro (€ 400.00) lil Maria Dolores Formosa fiz-zmien lilu moghti.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, torbot lill-hati b′garanzija personali ta′ elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta′ Maria Dolores Formosa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------